Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 52/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 22 ta' Settembru 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Skużat
Sur Clayton Portelli Cascun	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Skużat
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Preżenti
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

52. 1 Ittri ta' Apoloġija

52.1.1Il-President semma li s-Sur John Boxall u s-Sur Nigel Holland talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impenji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel sabiex ikunu skużati mil-laqgħa.

52.1.2 Il-Laqgħa bdiet billi ngħatat tislima lis-Sur Vince Borg ex-Sindku tal-Kunsill Lokali Floriana u ex-Membru Reġjun Port.

52.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.51

52.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 51 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

52.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 45

52.3.1Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Jorge Grech u s-Sur Clive Pulis ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-14 t' Awwissu 2025 u t-22 ta' Settembru 2025 li kienet tammonta għall-€305,339.39.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

52.4 Punti maħruġa mill-Minuti tal-Laqgħa Nu. 51

52.4.1 Skema Reġjun Port

Il-President semma li b' referenza għall-iskema imħabbra mir-Reġjun kienu daħlu 4 sottomissjonijiet:

- Kunsill Lokali Birgu biddel is-sottomossjoni tiegħu sabiex ikun jista' juża l-fondi biex jiġi miktub ktieb fuq il-lokalita'.
- Kunsill Lokali Xgħajra propona li ser ikun qed juża l-fondi għall-Fest Familja.
- Kunsill Lokali Paola semma li huwa kien ser iwaqqa' s-sottomissjoni li għadda x-xahar preċidenti u li s-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jissottometti proposta oħra.
- Kunsill Lokali Kalkara semma li ser ikun qed juża l-fondi sabiex jagħmel l-open shelves libraries.
- Kunsill Lokali Tarxien propona li ser ikun qed jagħmel Festa Sport

Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis kien hemm qbil li dawn il-proposti għandhom ikunu milqugħha. Filwaqt li l-President fakkar li Kunsilli li għadhom ma sottomettewx l-applikazzjoni għandhom jagħmlu dan mill-aktra fis possibbli.

52.4.2 Proġett Integrarti

Il-President semma li dan il-proġett jinstab għaddej. Semma li qed jintlaqa' tajjeb mill-komunitajiet fi ħdan ir-Reġjun u li ser ikun hemm diversi attivitajiet għaddejjin fil-ġimgħat li ġejjin.

52.4.3 Ġbir ta' skart bil-lejl

Il-President semma li kien għadu mingħar rispons wara l-laqgħa li kienet inżammet aktar kmieni. Semma li suppost kienu reġgħu bagħtu għar-Reġjuni fil-bidu ta' Settembru imma qatt ma kienu reġgħu bagħtu għalihom.

52.4.4 Intervisti għall-post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-President semma li r-Reġjun ser jibqa' ma' dak li ddeċieda fil-laqgħat preċidenti. Għaldaqstant, il-proċess jinżamm sospiż.

52.4.5 Kunsill Lokali Kalkara – Ħlasijiet pendenti tal-Ġbir ta' skart

Il-President talab lill-Kunsill jiġbor rendikont ta' spejjeż li l-Kunsill qed jinsisti li ma jħallasx u oħrajn li qed jikkontesta li r-Reġjun għandu jħallas lura. Semma li r-Reġjuni għamel laqgħa mal-avukat u jekk ser ikun hemm każ fejn il-Kunsill jibqa' ma jħallasx u jibgħat bil-miktub lir-Reġjun, ser tkun qed tintbagħat ittra legali lill-kuntrattur.

52.4.6 Reġjun tal-Kultura 2026

Il-President semma li kemm id-Direttur Artistiku kif ukoll il-logo tar-Reġjun tal-Kultura kienu ffinalizati.

52.4.7 Skema ta' Bike Racks minn TM	Il-President semma li kienu ġew ordnati l-bike racks wara li TM taw l-approvazzjoni tagħhom biex ikun hemm l-akwist ta' dawn l-istrutturi. Semma li għaddejjin b' komunikazzjoni kemm mal-Perit kif ukoll ma' TM sabiex jinħarġu l-permessi kollha neċessarji.
52.4.8 Mandat ta' sekwestru – ex-Segretarju Eżekuttiv	Il-President semma li dan għadu pendenti għaliex l-avukat ma kienx għadu ikkomunika mar-Reġjun.

52.5 Komunikazzjoni mill-President

52.5.1 Ġbir ta' skart imħallat	Il-President semma li l-ħlasijiet ta' tipping fees imħalsa lill-Wasteserv kull xahar qed ikunu sinifikanti u xtaq jagħmilha ċara li r-Reġjun ma jistax u mhux ser iħallas tipping fees ta' skart miġbur mill-każini jew ħwienet tal-ikel. Semma li jekk hemm bżonn ir-Reġjun jibgħat komunikazzjoni lill-każini sabiex stabbilimenti kummerċjali jkollhom il-kollettur tal-iskart privat. Semmew ukoll li qed ikun hemm nuqqas ta' ġbir ta' skart tal-ħġieġ speċjalment fit-tielet ġimgħa tax-xahar.
52.5.2 MoU tal-Librara	Il-President semma li irċieva templates bi ftehim bejn il-Kunsilli Lokali u Malta Libraries sabiex ikunu ffirmati. Semma li dan il-ftehim iċċirkulah mal-Kunsilli kkonċernati imma r-Reġjun għad irid jara internament il-klawżoli qabel ma jitlob lill-Kunsilli biex jiffirmawh.
52.5.3 Charity Event – Mit-tfal għat-tfal	Il-President semma li kien ġie avviċinat minn persuna li ser tkun qed torganizza maratona tas-sajd għat-tfal f' Diċembru biex jinġabru fondi għall-karita'. Semma li din ser tkun qed tinżamm ġewwa l-Birgu nhar l-20 ta' Diċembru. Il-President semma li ser ikun qed jitkellem mal-organizzatur sabiex jara kif ir-Reġjun ikun jista' jikkontribwixxi.
52.5.4 Kitba fuq is-swar tar-Reġjun	Il-President semma li kien avviċinat mill-kittieb Vince Zammit sabiex ir-Reġjun jikteb l-istorja tar-Reġjun u l-iswar li bihom imdawwar ir-Reġjun. Il-President propona li ssir laqgħa mad-Direttur Artistiku u anki mal-kittieb.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

52.6 Aġġornament

52.5.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19:07, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 20 t'Ottubru 2025 fil-17:00 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv